

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/279**tat-22 ta' Frar 2021****li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli u miżuri oħra li jiżguraw it-traċċabilità u l-konformità fil-produzzjoni organika u fit-tikkettar ta' prodotti organiċi****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(3)(a), 29(8)(a), 30(8), 32(5), 36(4), 38(9), 41(5) u 43(7) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2018/848 jistabbilixxi r-regoli ġenerali tal-produzzjoni għall-operaturi, fosthom il-miżuri ta' prekawzjoni biex tiġi evitata l-preżenza ta' prodotti u sustanzi mhux awtorizzati, u l-miżuri li jridu jitwettqu f'każ li jkun hemm prodotti jew sustanzi mhux awtorizzati. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti regoli addizzjonali.
- (2) Meta titqies l-importanza tal-miżuri prekawzjonarji li l-operaturi jridu jwettqu biex jevitaw li jkun hemm prodotti u sustanzi mhux awtorizzati msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2018/848, jixraq li jiġu stabbiliti passi proċedurali li jridu jiġu segwiti u d-dokumenti rilevanti li jridu jingħataw jekk l-operaturi jissuspettaw, minħabba li jkun hemm prodotti jew sustanzi mhux awtorizzati, li l-prodott li huwa maħsub biex jintuża jew biex jiġi kkummerċjalizzat bħala prodott organiku jew prodott fil-fażi tal-konverżjoni ma jkunx jikkonforma mar-Regolament (UE) 2018/848.
- (3) Sabiex jiġi żgurat approċċ armonizzat fl-Unjoni kollha fir-rigward tal-investigazzjoni uffiċjali msemmija fl-Artikolu 29(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/848 fil-każ tal-preżenza ta' prodotti jew sustanzi mhux awtorizzati fi prodotti organiċi jew fi prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti aktar regoli li jkopru l-elementi li għandhom jiġu ddeterminati meta titwettaq l-investigazzjoni, ir-riżultati mistennija tal-investigazzjoni uffiċjali kif ukoll l-obbligi minimi tar-rappurtar.
- (4) Il-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2018/848 jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodotti organiċi u l-prodotti fil-fażi tal-konverżjoni. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti xi regoli addizzjonali fir-rigward tal-post u d-dehra ta' ċerti indikazzjonijiet fuq it-tikketta.
- (5) Il-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/848 jistabbilixxi r-regoli għaċ-ċertifikazzjoni tal-operaturi u ta' gruppi ta' operaturi. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet armonizzati għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti regoli addizzjonali għaċ-ċertifikazzjoni ta' gruppi ta' operaturi.
- (6) Fl-interess tal-effiċjenza u l-kost operazzjonali għall-but ta' kulħadd tas-sistema għall-kontrolli interni (ICS), jixraq li jiġi previst daqs massimu ta' grupp ta' operaturi. Bl-istabbiliment ta' dan il-limitu, huwa mistenni li l-ICS tkun tista' tiżgura l-konformità tal-membri kollha tal-grupp mar-Regolament (UE) 2018/848 permezz ta' kontrolli interni, u tat-taħriġ meħtieġ. Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti jew, fejn rilevanti, l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll li jċertifikaw il-grupp jistgħu jerġgħu jispazzjonaw għadd tajjeb tal-membri. Il-limitazzjoni tad-daqs se tippovdi garanziji addizzjonali li jkun hemm lista aġġornata ta' membri, tpartit rapidu u regolari tat-tagħrif mal-awtoritajiet tal-kontroll jew mal-korpi tal-kontroll, u tiżgura l-implimentazzjoni ta' miżuri xierqa. Madankollu, jenħtieġ li d-daqs massimu jqis li grupp ta' operaturi jenħtieġ li jkun kapaċi jiġġenera biżżejjed riżorsi biex jistabbilixxi ICS effiċjenti li tiddependi minn persunal kwalifikat.

⁽¹⁾ ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.

- (7) Sabiex ikun hemm evidenza tal-konformità u biex ikun jista' jsir tpartit tat-tagħrif u tpartit tal-għarfien, jenħtieġ li tiġi stabbilita l-lista tad-dokumenti u r-rekords li jrid iżomm grupp ta' operaturi għall-finijiet tal-ICS.
- (8) Jenħtieġ li l-ICS tkun tikkostitwixxi l-bażi għaċ-ċertifikazzjoni ta' grupp ta' operaturi. Għalhekk, jenħtieġ li l-manijers tal-ICS ikunu meħtieġa jinfurmaw lill-awtorità kompetenti jew, fejn jixraq, lill-awtorità tal-kontroll jew lill-korp tal-kontroll li jipprovdu ċ-ċertifikat tal-aktar kwistjonijiet importanti, bħal suspetti ta' nonkonformità, sospensjonijiet jew irtirar ta' membri u kwalunkwe projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti bħala prodotti organiċi jew prodotti fil-fażi tal-konverżjoni.
- (9) Il-Kapitolu VI tar-Regolament (UE) 2018/848 jistabbilixxi r-regoli għall-kontrolli uffiċjali u għall-attivitajiet uffiċjali oħra. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti regoli addizzjonali.
- (10) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-sistemi ta' kontroll nazzjonali attwali fl-Istati Membri, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli dwar il-perċentwali minimi għall-kontrolli uffiċjali u għall-kampjunar.
- (11) Bil-ħsieb li tiġi eliminata d-diverġenza sostanzjali fl-applikazzjoni attwali tal-katalogi nazzjonali ta' miżuri fl-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mudell komuni għal katalogu ta' miżuri u li jiġu previsti linji gwida addizzjonali dwar il-klassifikazzjoni tan-nonkonformità u l-miżuri x-xierqa li jridu jitwettqu għalihom.
- (12) It-tagħrif dwar xi suspett ta' nonkonformità, jew dwar nonkonformità stabbilita li taffettwa l-integrità ta' xi prodotti organiċi jew ta' xi prodotti fil-fażi tal-konverżjoni jenħtieġ li tiġi kkomunikata direttament u bl-aktar mod effettiv possibbli bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, primarjament sabiex l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati kollha jkunu jistgħu jwettqu l-investigazzjonijiet uffiċjali u jwettqu l-miżuri neċessarji kif meħtieġ mill-Artikolu 29(1) u (2), l-Artikolu 41(1), (2) u (3) u l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/848. Barra minn hekk, jixraq li jiġu speċifikati d-dettalji u l-proċeduri għall-komunikazzjoni ta' dak it-tagħrif, u fost l-oħrajn, il-funzjonalitajiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Biedja Organika. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiċċara wkoll li f'każ li l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll ikollhom xi suspett jew jistabbilixxu li jkun hemm nonkonformità li taffettwa l-integrità tal-prodotti organiċi jew tal-prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, jenħtieġ li dan it-tagħrif jintbagħat mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li dan ir-Regolament jispeċifika liema tagħrif jkun jenħtieġ li għallinqas tiġi kkomunikata mill-awtoritajiet tal-kontroll u mill-korpi tal-kontroll ma' awtoritajiet tal-kontroll u korpi tal-kontroll oħrajn u mal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, u jistabbilixxi obbligu li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-miżuri x-xierqa u jistabbilixxu proċeduri dokumentati li jippermettu dan it-tpartit ta' tagħrif fit-territorju tagħhom.
- (13) Jista' jkun il-każ li xi gruppi ta' operaturi f'pajjiżi terzi li jaħdmu f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ⁽²⁾ u mar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 ⁽³⁾ u (KE) Nru 1235/2008 ⁽⁴⁾ ikollhom wisq iktar membri mill-għadd massimu stabbilit b'dan ir-Regolament. L-istabbiliment ta' gruppi ġodda ta' operaturi li jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit il-ġdid jista' jinvolvi addattamenti tanġibbli biex tiġi stabbilita l-entità ġuridika korrispondenti, ICS, u l-elementi meħtieġa għaċ-ċertifikazzjoni minn awtorità tal-kontroll jew korp tal-kontroll. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi previst perjodu tranżitorju ta' mhux aktar minn tliet snin mill-1 ta' Jannar 2022 għal dawk il-gruppi ta' operaturi biex ikunu jistgħu jwettqu l-addattamenti meħtieġa biex jikkonformaw mad-daqs massimu l-ġdid.
- (14) Ir-rekwiżit relatat mal-katalogu nazzjonali tal-miżuri jista' jinvolvi t-tibdil ta' katalogi nazzjonali tal-miżuri eżistenti li diġà ġew żviluppati fl-Istati Membri sa issa f'konformità mar-Regolamenti (KE) Nru 834/2007 u (KE) Nru 889/2008. Għalhekk jenħtieġ li jingħata perjodu ta' tranżizzjoni massimu ta' sena mill-1 ta' Jannar 2022 għal dawk il-katalogi nazzjonali eżistenti tal-miżuri biex l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jwettqu t-titjib meħtieġ jew ikunu jistgħu jissostitwixxu l-katalogi tal-miżuri nazzjonali tagħhom biex jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25).

- (15) Fl-interess taċ-ċarezza u taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848.
- (16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar il-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Passi proċedurali li jridu jissegwew mill-operatur f'każ ta' suspett ta' nonkonformità li jitqajjem minħabba l-preżenza ta' prodotti jew sustanzi mhux awtorizzati

1. Sabiex jiġi vverifikat jekk is-suspett jistax jiġi sostanzjat f'konformità mal-Artikolu 28(2)(b) tar-Regolament (UE) 2018/848, l-operatur għandu jqis l-elementi li ġejjin:
- (a) meta s-suspett ta' nonkonformità jikkonċerna prodott organiku jew prodott fil-fażi tal-konverżjoni li jkun ġej minn x'imkien ieħor, l-operatur għandu jivverifika jekk:
- (i) it-tagħrif fuq it-tikketta tal-prodott organiku jew tal-prodott organiku fil-fażi tal-konverżjoni taqbilx mat-tagħrif fid-dokumenti li jakkumpanjawh;
- (ii) it-tagħrif fuq iċ-ċertifikat mogħti mill-fornitur jirreferix għall-prodott li tabilħaqq nxtara;
- (b) jekk ikun hemm suspett li l-kawża tal-preżenza tal-prodotti jew is-sustanzi mhux awtorizzati hija fil-kontroll tal-operatur, l-operatur għandu jeżamina kull raġuni possibbli għall-preżenza ta' prodotti jew sustanzi mhux awtorizzati.
2. Meta l-operatur jinforma lill-awtorità kompetenti jew, fejn xieraq, lill-awtorità tal-kontroll jew lill-korp tal-kontroll f'konformità mal-Artikolu 28(2)(d) tar-Regolament (UE) 2018/848 dwar suspett sostanzjat, jew meta s-suspett ma jkunx jista' jiġi eliminat, l-operatur għandu jipprovdi mill-inqas l-elementi li ġejjin jekk ikunu rilevanti u meta jkunu disponibbli:
- (a) it-tagħrif u d-dokumenti dwar il-fornitur (nota tal-konsenja, fattura, ċertifikat tal-fornitur, Ċertifikat ta' Spezzjoni għall-prodotti organiċi (COI));
- (b) it-traċċabilità tal-prodott flimkien mal-identifikazzjoni tal-lott, il-kwantità tal-istokk u l-kwantità tal-prodott mibjugħ;
- (c) ir-riżultati ta' laboratorju akkreditat jekk rilevanti u disponibbli;
- (d) l-iskeda tal-kampjunar li tagħti d-dettalji tal-ħin, tal-post u tal-metodu li ntuża biex ittieħed il-kampjun;
- (e) kull tagħrif dwar xi suspett preċedenti fir-rigward tal-prodott jew tas-sustanza speċifika mhux awtorizzati;
- (f) kull dokument rilevanti ieħor biex jiċċara l-każ.

Artikolu 2

Metodoloġija ta' investigazzjoni uffiċjali

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 38(2) tar-Regolament (UE) 2018/848, meta jwettqu investigazzjoni uffiċjali msemmija fl-Artikolu 29(1)(a) ta' dak ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti jew, fejn xieraq, il-korpi tal-kontroll jew l-awtoritajiet tal-kontroll għandhom jiddeterminaw mill-inqas dan li ġej:
- (a) l-isem, l-identifikazzjoni tal-lott, is-sjeda u l-post fiżiku tal-prodotti kkonċernati organiċi jew fil-fażi tal-konverżjoni;
- (b) jekk il-prodotti kkonċernati għadhomx jitqiegħdu fis-suq bħala prodotti organiċi jew prodotti fil-fażi tal-konverżjoni jew għadhomx jintużaw fil-produzzjoni organika;
- (c) it-tip, l-isem, il-kwantità u kull tagħrif rilevanti ieħor dwar dawn il-prodotti jew is-sustanzi mhux awtorizzati;

- (d) f'liema stadju tal-produzzjoni, tal-preparazzjoni, tal-ħżin jew tad-distribuzzjoni u fejn eżattament ġiet skoperta l-preżenza tal-prodotti jew tas-sustanzi mhux awtorizzati, b'mod partikolari fil-każ tal-prodotti għall-produzzjoni tal-pjanti, jekk il-kampjun itteħidx qabel il-ħsad jew wara l-ħsad;
 - (e) jekk ġewx affettwati operaturi oħrajn fil-katina tal-provvista;
 - (f) ir-riżultati tal-investigazzjonijiet uffiċjali preċedenti tal-prodotti organiċi jew fil-fażi tal-konverżjoni u tal-operaturi kkonċernati.
2. L-investigazzjoni uffiċjali għandha titwettaq bil-metodi u t-tekniki x-xierqa li jinkludu dawk imsemmijin fl-Artikolu 14 u fl-Artikolu 137(3) tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾.
3. L-investigazzjoni uffiċjali għandha mill-inqas tasal għal konklużjoni dwar:
- (a) l-integrità tal-prodotti organiċi u ta' dawk fil-fażi tal-konverżjoni;
 - (b) is-sors u l-kawża tal-preżenza tal-prodotti jew tas-sustanzi mhux awtorizzati;
 - (c) l-elementi previsti fl-Artikolu 29(2)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2018/848.
4. L-awtoritajiet kompetenti jew, fejn xieraq, l-awtoritajiet tal-kontroll jew il-korpi tal-kontroll għandhom ifasslu rapport finali għal kull investigazzjoni uffiċjali. Dak ir-rapport finali għandu jkun fih:
- (a) ir-rekords tal-elementi speċifiċi meħtieġa skont dan l-Artikolu;
 - (b) ir-rekords tat-tagħrif skambjat mal-awtorità kompetenti, ma' awtoritajiet oħra tal-kontroll, mal-korpi tal-kontroll u mal-Kummissjoni, li huma relatati ma' din l-investigazzjoni uffiċjali.

Artikolu 3

Kondizzjonijiet għall-użu ta' ċerti indikazzjonijiet

1. L-indikazzjoni prevista għall-prodotti fil-fażi tal-konverżjoni li joriġinaw mill-pjanti kif imsemmija fl-Artikolu 30(3) tar-Regolament (UE) 2018/848 għandha tidher:
- (a) b'kulur, daqs u stil ta' kitba li ma jkunux aktar prominenti mid-deskrizzjoni tal-bejgħ tal-prodott, filwaqt li l-indikazzjoni sħiħa għandu jkollha l-istess daqs ta' ittri;
 - (b) bl-istess kamp viżiv bħal tan-numru tal-kodiċi tal-awtorità tal-kontroll jew tal-korp tal-kontroll imsemmi fl-Artikolu 32(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/848.
2. L-indikazzjoni tan-numru tal-kodiċi tal-awtorità tal-kontroll jew tal-korp tal-kontroll, kif imsemmi fl-Artikolu 32(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/848, għandha tidher fl-istess kamp viżiv bħal-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea, meta tintuża fit-tikkettar.
3. L-indikazzjoni tal-post fejn tkabbret il-materja prima agrikola li minnha jkun magħmul il-prodott, kif imsemmi fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) 2018/848 għandha titqiegħed eżatt taħt in-numru tal-kodiċi msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 4

Il-kompożizzjoni u d-daqs ta' grupp ta' operaturi

Membru ta' grupp ta' operaturi għandu jirreġistra ma' grupp ta' operaturi wieħed biss għal prodott speċifiku, anke meta l-operatur hu impenjat f'attivitajiet differenti marbuta ma' dak il-prodott.

Id-daqs massimu ta' grupp ta' operaturi għandu jkun ta' 2 000 membru.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KEE, 96/93/KEE u 97/78/KEE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

Artikolu 5

Dokumenti u rekords ta' grupp ta' operaturi

Il-grupp ta' operaturi għandu jżomm id-dokumenti u r-rekords li ġejjin għall-finijiet tas-sistema għall-kontrolli interni (ICS):

- (a) il-lista tal-membri tal-grupp ta' operaturi bbażata fuq ir-reġistrazzjoni tagħhom ta' kull membru u li tikkonsisti mill-elementi li ġejjin għal kull membru tal-grupp ta' operaturi:
 - (i) l-isem u l-identifikazzjoni (numru tal-kodiċi);
 - (ii) id-dettalji ta' kuntatt;
 - (iii) id-data tar-reġistrazzjoni;
 - (iv) il-qisien tal-wiċċ tal-art taħt il-ġestjoni tal-membru u jekk hijiex parti minn unità ta' produzzjoni organika, fl-istadju tal-konverżjoni, jew mhux organika;
 - (v) it-tagħrif dwar kull unità ta' produzzjoni u/jew attività: id-daqs, il-pożizzjoni ġeografika, inkluż il-mappa fejn disponibbli, il-prodott, id-data ta' meta beda l-perjodu tal-konverżjoni, u l-istimi tar-rendiment;
 - (vi) id-data tal-aħħar spezzjoni interna flimkien mal-isem tal-ispettur tal-ICS;
 - (vii) id-data tal-aħħar kontroll uffiċjali mwettaq mill-awtorità kompetenti, jew, fejn rilevanti, mill-awtorità tal-kontroll jew mill-korp tal-kontroll, flimkien mal-isem tal-ispettur;
 - (viii) id-data u l-verżjoni tal-lista;
- (b) il-ftehimiet ta' sħubija ffirmati bejn il-membru u l-grupp ta' operaturi bħala persuna ġuridika, li għandhom jinkludu d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-membru;
- (c) ir-rapporti tal-ispezzjonijiet interni ffirmati mill-ispettur tal-ICS u mill-membru spezzjonat tal-grupp tal-operaturi u li jinkludu mill-inqas l-elementi li ġejjin:
 - (i) isem il-membru u fejn jinsabu l-unità tal-produzzjoni jew il-post tal-produzzjoni, fost dawn, iċ-ċentri tax-xiri u tal-ġbir, fejn jitwettqu l-attivitajiet msemmija fl-Artikolu 36(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/848 li huma soġġetti għall-ispezzjoni;
 - (ii) id-data u l-ħinijiet tal-bidu u tat-tmim tal-ispezzjoni interna;
 - (iii) is-sejbiet tal-ispezzjoni;
 - (iv) l-ambitu/il-perimetru tal-awditu;
 - (v) id-data tal-ħruġ tar-rapport;
 - (vi) isem l-ispettur intern;
- (d) ir-rekords tat-taħriġ tal-ispetturi tal-ICS li jikkonsistu minn:
 - (i) id-dati tat-taħriġ;
 - (ii) is-sugġett tat-taħriġ;
 - (iii) isem il-ħarriġ;
 - (iv) il-firma ta' min tħarriġ;
 - (v) fejn rilevanti, valutazzjoni tal-għarfien miksub;
- (e) ir-rekords tat-taħriġ tal-membri tal-grupp ta' operaturi;
- (f) ir-rekords tal-miżuri li twettqu f'każ ta' nonkonformità mill-maniġer tal-ICS, li għandhom jinkludu:
 - (i) il-membri li huma soġġetti għall-miżuri f'każ ta' nonkonformità, anki ta' dawk li ġew sospiżi, li ġew irtirati jew li ntablu jikkonformaw ma' perjodu ta' konverżjoni ġdid;
 - (ii) id-dokumenti dwar in-nonkonformità identifikata;
 - (iii) id-dokumenti rigward is-segwitu tal-miżuri;
- (g) ir-rekords tat-traċċabilità, bit-tagħrif dwar il-kwantitajiet, dwar l-attivitajiet li ġejjin, fejn rilevanti:
 - (i) ix-xiri u d-distribuzzjoni ta' inputs tal-farms inkluż il-materjal riproduttiv tal-pjanti mill-grupp;
 - (ii) il-produzzjoni, inkluż il-ħsad;

- (iii) il-ħżin;
- (iv) il-preparazzjoni;
- (v) il-konsenja tal-prodotti lejn is-sistema ta' kummerċjalizzazzjoni konġunta minn kull membru;
- (vi) it-tqegħid fis-suq tal-prodotti mill-grupp ta' operaturi;
- (h) il-ftehimiet bil-miktub u l-kuntratti bejn il-grupp ta' operaturi u sottokuntratturi inkluż it-tagħrif dwar in-natura tal-attivitàjiet sottokuntrattati;
- (i) il-ħatra tal-manijer tal-ICS;
- (j) il-ħatra tal-ispetturi tal-ICS kif ukoll il-lista tal-ispetturi tal-ICS.

Il-lista tal-membri msemmija fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu għandha tiġi aġġornata mill-manijer tal-ICS wara kull modifika tal-elementi elenkati fil-punt (a)(i) sa (viii) u għandu jiġi indikat jekk kienx hemm membru li ġie sospiż jew irtirat minħabba miżuri li jitwettqu f'każ ta' nonkonformità li jirriżultaw minn spezzjonijiet interni jew minn kontrolli uffiċjali.

Artikolu 6

Notifiki mill-manijer tal-ICS

Il-manijer tal-ICS għandu jgħarraf minnufih lill-awtorità kompetenti jew, fejn xieraq, lill-awtorità tal-kontroll jew lill-korp tal-kontroll bit-tagħrif li ġej:

- (a) kwalunkwe suspett ta' nonkonformità maġġuri u kritika;
- (b) kwalunkwe sospensjoni jew irtirar min-naħa tal-grupp, ta' membru jew ta' unità ta' produzzjoni jew ta' post, fost dawn ukoll iċ-ċentri tax-xiri u tal-ġbir;
- (c) kwalunkwe projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq ta' prodott bħala wieħed organiku jew fil-fażi tal-konverżjoni, bl-isem tal-membru jew tal-membri kkonċernati, il-kwantitajiet rilevanti, u l-identifikazzjoni tal-lott.

Artikolu 7

Perċentwali minimi ta' kontrolli u ta' teħid ta' kampjuni

Ir-regoli li ġejjin dwar il-perċentwali minimi għandhom japplikaw għall-kontrolli uffiċjali msemmija fl-Artikolu 38(4) tar-Regolament (UE) 2018/848, li jridu jitwettqu minn kull awtorità kompetenti jew, fejn xieraq, awtorità tal-kontroll jew korp tal-kontroll skont ir-riskju ta' nonkonformità:

- (a) minimu ta' 10 % tal-kontrolli uffiċjali kollha tal-operaturi jew tal-gruppi ta' operaturi għandhom jitwettqu kull sena, mingħajr avviż minn qabel;
- (b) minimu ta' 10 % ta' kontrolli addizzjonali għal dawk imsemmija fl-Artikolu 38(3) tar-Regolament (UE) 2018/848 għandhom jitwettqu kull sena;
- (c) minimu ta' 5 % tal-għadd tal-operaturi, ħlief għall-operaturi li jkunu eżentati f'konformità mal-Artikolu 34(2) u mal-Artikolu 35(8) tar-Regolament (UE) 2018/848 għandu jkun soġġett għall-kampjunar kull sena f'konformità mal-Artikolu 14(h) tar-Regolament (UE) 2017/625;
- (d) minimu ta' 2 % tal-membri ta' kull grupp ta' operaturi għandhom ikunu soġġetti għall-kampjunar kull sena f'konformità mal-Artikolu 14(h) tar-Regolament (UE) 2017/625;
- (e) minimu ta' 5 % tal-operaturi li jkunu membri ta' grupp ta' operaturi, iżda mhux inqas minn 10 membri, għandhom ikunu soġġetti għal ispezzjoni mill-ġdid kull sena. Meta l-grupp ta' operaturi jkollu 10 membri jew inqas, il-membri kollha għandhom jiġu kkontrollati b'rabta mal-verifika tal-konformità msemmija fl-Artikolu 38(3) tar-Regolament (UE) 2018/848.

*Artikolu 8***Miżuri f'każ ta' nonkonformità stabbilita**

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw l-arranġamenti uniformi stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament biex jiżviluppaw katalogu nazzjonali ta' miżuri kif imsemmi fl-Artikolu 41(4) tar-Regolament (UE) 2018/848.

Dak il-katalogu nazzjonali ta' miżuri għandu jkopri mill-inqas:

- (a) lista ta' nonkonformitajiet b'referenza għar-regoli speċifiċi tar-Regolament (UE) 2018/848 jew tal-att delegat jew ta' implimentazzjoni adottat f'konformità ma' dak ir-Regolament;
- (b) il-klassifikazzjoni tan-nonkonformitajiet fi tliet kategoriji: minuri, maġġuri u kritika, filwaqt li jitqiesu mill-inqas il-kriterji li ġejjin:
 - (i) l-applikazzjoni tal-miżuri ta' prekawzjoni msemmija fl-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2018/848 u l-kontrolli proprji msemmija fl-Artikolu 9(1)(d) tar-Regolament (UE) 2017/625;
 - (ii) l-impatt fuq l-integrità tal-istatus tal-prodotti organiċi u ta' dawk fil-fażi tal-konverżjoni;
 - (iii) il-ħila tas-sistema ta' traċċabbiltà li tillokalizza l-prodott(i) affettwat(i) fil-katina tal-provvista;
 - (iv) it-tweġiba għal talbiet preċedenti tal-awtorità kompetenti jew, fejn xieraq, tal-awtorità tal-kontroll jew tal-korp tal-kontroll;
- (c) il-miżuri li jikkorrispondu ma' kategoriji differenti ta' nonkonformità.

*Artikolu 9***Tpartit ta' tagħrif**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2018/848, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Biedja Organika (OFIS) u l-mudelli stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament biex ipartu t-tagħrif mal-Kummissjoni u ma' Stati Membri oħra u f'konformità mar-regoli li ġejjin:

- (a) Stat Membru (Stat Membru notifikanti) għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru jew lill-Istati Membri rilevanti (Stat Membru jew Stati Membri notifikati) tal-inqas fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:
 - (i) meta n-nonkonformità suspettata jew stabbilita taffettwa l-integrità ta' prodotti organiċi jew fil-fażi tal-konverżjoni li jkunu ġejjin minn Stat Membru ieħor;
 - (ii) meta n-nonkonformità suspettata jew stabbilita taffettwa l-integrità ta' prodotti organiċi jew fil-fażi tal-konverżjoni importati minn pajjiż terz skont l-Artikolu 45(1) jew l-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) 2018/848;
 - (iii) meta n-nonkonformità suspettata jew stabbilita taffettwa l-integrità ta' prodotti organiċi jew fil-fażi tal-konverżjoni li jkunu ġejjin mill-Istat Membru notifikanti, billi dan jista' jkollu implikazzjonijiet għal Stat Membru notifikat wieħed jew iżjed (notifika ta' twissija);
- (b) fis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punt (a)(i) u (ii), l-Istat Membru jew l-Istati Membri notifikati għandhom iwieġbu fi żmien 30 jum kalendarju mid-data tal-wasla tan-notifika u għandhom jinfurmaw dwar l-azzjonijiet u l-miżuri mwettqa, inklużi r-riżultati tal-investigazzjoni uffiċjali, u jipprovdu kull tagħrif ieħor li jkun disponibbli u/jew meħtieġ mill-Istat Membru notifikanti;
- (c) l-Istat Membru notifikanti jista' jitlob kwalunkwe tagħrif ieħor li jkun meħtieġ mingħand l-Istat Membru jew l-Istati Membri notifikati;
- (d) l-Istat Membru notifikanti għandu, malajr kemm jista' jkun, idaħħal l-entrati u l-aġġornamenti meħtieġa fl-OFIS, inklużi l-aġġornamenti relatati mar-riżultati tal-investigazzjonijiet uffiċjali li jkun għamel hu stess;
- (e) fis-sitwazzjoni msemmija fil-punt (a) (ii) u meta l-Kummissjoni hi notifikata minn Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti, jew fejn rilevanti, lill-awtorità tal-kontroll jew lill-korp tal-kontroll tal-pajjiż terz.

2. Minbarra l-obbligu ta' tagħrif msemmi fl-Artikolu 32(b) tar-Regolament (UE) 2017/625, l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll għandhom, mingħajr dewmien, jinformaw lill-awtorità kompetenti li tkun ikkonferixxtilhom jew li tkun iddelegatilhom ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali jew ċerti kompiti relatati ma' attivitajiet uffiċjali oħra f'konformità mal-Artikolu 4(3) u mal-Artikolu 28(1) jew mal-Artikolu 31 ta' dak ir-Regolament, dwar kull nonkonformità suspettata jew stabbilita li taffettwa l-integrità ta' prodotti organiċi jew fil-fażi tal-konverżjoni. Dawn għandhom jipprovdu wkoll kull tagħrif ieħor meħtieġ minn dik l-awtorità kompetenti.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 43(3) tar-Regolament (UE) 2018/848, meta operaturi jew gruppi ta' operaturi u/jew is-sottokuntratturi tagħhom jiġu kkontrollati minn awtoritajiet tal-kontroll jew minn korpi tal-kontroll differenti, dawk l-awtoritajiet tal-kontroll u l-korpi tal-kontroll għandhom ipartu t-tagħrif rilevanti dwar l-operazzjonijiet fil-kontroll tagħhom.

4. Għall-finijiet tal-Artikolu 43(3) tar-Regolament (UE) 2018/848, meta l-operaturi jew il-gruppi ta' operaturi u/jew is-sottokuntratturi tagħhom jibdlu l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll tagħhom, dawn l-operaturi u/jew l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll ikkonċernat għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien b'dik il-bidla.

L-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll il-ġodda għandhom jitolbu l-fajl tal-kontrolli tal-operatur jew tal-grupp ta' operaturi kkonċernati mingħand l-awtorità tal-kontroll jew mill-korp tal-kontroll preċedenti. L-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll preċedenti għandhom mingħajr dewmien jgħaddu lill-awtorità tal-kontroll jew lill-korp tal-kontroll il-ġdid, il-fajl tal-kontrolli tal-operatur jew tal-grupp ta' operaturi kkonċernati, li jkun fih ukoll ir-rekords bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 38(6) tar-Regolament (UE) 2018/848, l-istatus taċ-ċertifikazzjoni, il-lista ta' nonkonformitajiet u l-miżuri korrispondenti mwettqa mill-awtorità tal-kontroll jew mill-korp tal-kontroll preċedenti.

L-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll il-ġdid għandhom jiżguraw li n-nonkonformitajiet innutati fir-rekords tal-awtorità tal-kontroll jew tal-korp tal-kontroll preċedenti ġew indirizzati jew se jiġu indirizzati mill-operatur.

5. Għall-finijiet tal-Artikolu 43(3) tar-Regolament (UE) 2018/848, meta l-operaturi jew il-gruppi ta' operaturi jkunu soġġetti għal verifika tat-traċċabilità u għal verifika tal-bilanċ tal-massa, l-awtoritajiet tal-kontroll u l-korpi tal-kontroll għandhom ipartu t-tagħrif rilevanti li jippermetti l-finalizzazzjoni ta' dawn il-verifiki.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-miżuri xierqa u jstabbilixxu proċeduri dokumentati biex jippermettu t-partit tat-tagħrif bejniethom, u l-awtoritajiet ta' kontroll u/jew il-korpi ta' kontroll li lilhom ikunu kkonferixxew jew iddelegaw ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali jew ċerti kompiti relatati ma' attivitajiet uffiċjali oħra kif ukoll bejn dawk l-awtoritajiet tal-kontroll u/jew korpi tal-kontroll.

Artikolu 10

Dispożizzjonijiet transizzjonali

1. Gruppi ta' operaturi fpajjiżi terzi li jikkonformaw mar-Regolamenti (KE) Nru 834/2007, (KE) Nru 889/2008 u (KE) Nru 1235/2008 qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u li għalihom huma meħtieġa bidliet amministrattivi, legali u strutturali importanti fir-rigward tad-daqs massimu tal-grupp ta' operaturi stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, għandhom jikkonformaw ma' dik id-dispożizzjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025.

2. Il-katalogu nazzjonali ta' miżuri żviluppati f'konformità mal-Artikolu 8 għandu jibda japplika mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2023.

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

Arranġamenti uniformi għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' katalogu nazzjonali tal-miżuri kif imsemmi fl-Artikolu 8

1. L-awtorità kompetenti tista' tikklassifika l-każijiet ta' nonkonformità bħala minuri, maġġuri jew kritiċi fuq il-bażi tal-kriterji ta' klassifikazzjoni fl-Artikolu 8, meta tkun tapplika waħda jew iżjed ms-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-każ ta' nonkonformità jkun minuri meta:

- (i) il-miżuri ta' prekawzjoni jkunu proporzjonati u xierqa, u l-kontrolli li jkun qiegħed fis-seħħ l-operatur ikunu effiċjenti;
- (ii) in-nonkonformità ma taffettwax l-integrità tal-prodott organiku jew tal-prodott fil-fażi tal-konverżjoni;
- (iii) is-sistema tat-traċċabilità tista' tillokalizza l-prodott(i) affettwat(i) fil-katina tal-provvista u tkun possibbli projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq tal-prodotti b'referenza għall-produzzjoni organika;

(b) il-każ ta' nonkonformità jkun maġġuri meta:

- (i) il-miżuri ta' prekawzjoni ma jkunux proporzjonati u xierqa, u l-kontrolli li jkun qiegħed fis-seħħ l-operatur ma jkunux effiċjenti;
- (ii) in-nonkonformità taffettwa l-integrità tal-prodott organiku jew tal-prodott fil-fażi tal-konverżjoni;
- (iii) l-operatur ma jkunx ikkoreġa nonkonformità minuri f'waqtha;
- (iv) is-sistema tat-traċċabilità tista' tillokalizza l-prodott(i) affettwat(i) fil-katina tal-provvista u tkun possibbli projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq tal-prodotti b'referenza għall-produzzjoni organika;

(c) il-każ ta' nonkonformità jkun kritiku meta:

- (i) il-miżuri ta' prekawzjoni ma jkunux proporzjonati u xierqa, u l-kontrolli li jkun qiegħed fis-seħħ l-operatur ma jkunux effiċjenti;
- (ii) in-nonkonformità taffettwa l-integrità tal-prodott organiku jew tal-prodott fil-fażi tal-konverżjoni;
- (iii) l-operatur ma jikkoreġix in-nonkonformitajiet maġġuri preċedenti jew jibqa' b'mod ripetut ma jikkoreġix kategoriji oħra ta' nonkonformitajiet;
- (iv) ma jkunx hemm tagħrif mis-sistema ta' traċċabilità biex jiġi/u lokalizzat(i) l-prodott(i) affettwat(i) fil-katina tal-provvista u ma jkunx possibbli li ssir projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq tal-prodotti b'referenza għall-produzzjoni organika.

2. Miżuri

L-awtoritajiet kompetenti, jew, fejn xieraq, l-awtoritajiet tal-kontroll jew il-korpi tal-kontroll jistgħu japplikaw b'mod proporzjonat il-miżuri li ġejjin għall-kategoriji elenkati ta' każijiet ta' nonkonformità:

Kategorija ta' nonkonformità	Miżura
Minuri	Sottomission mill-operatur ta' pjan ta' azzjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit għall-korrezzjoni ta' nonkonformità
Maġġuri	Ma hemmx referenza għall-produzzjoni organika fuq it-tikketti u fir-reklamar tal-lott kollu jew tat-tiratura kollha kkonċernata (l-għalla/l-għelejjel jew l-annimal(i) affettwat(i)) f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/848 Jeħtieġ perjodu ta' konverżjoni ġdid Limitu tal-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikat

	<p>Titjib tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' prekawzjoni u tal-kontrolli li jrid idaħħal fis-seħħ l-operatur biex jiżgura l-konformità</p>
Kritika	<p>Ma hemmx referenza għall-produzzjoni organika fuq it-tikketti u fir-reklamar tal-lott kollu jew tat-tiratura kollha kkonċernata (l-għalla/l-għelejjel jew l-annimal(i) affettwat(i)) f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/848</p> <p>Il-projbizzjoni tal-kummerċjalizzar ta' prodotti li jirreferu għall-produzzjoni organika għal perjodu stabbilit f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/848</p> <p>Jeħtieġ perjodu ta' konverżjoni ġdid Limitu tal-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikat Sospensjoni taċ-ċertifikat Irtirar taċ-ċertifikat</p>

ANNEX II

Mudelli tal-OFIS imsemmija fl-Artikolu 9

1. Mudell ta'notifika internazzjonali standard dwar nonkonformità suspettata jew stabbilita

*L-ewwel lingwa:

It-tieni lingwa:

A. Stat Membru notifikanti:

1) Pajjiż:

2) Awtorità kompetenti – dettalji ta' kuntatt:

*3) Data tan-notifika (JJ/XX/SSSS):

*4) Referenza

B. Stat Membru jew Stati Membri notifikat(i):

*1) Pajjiż/pajjiżi:

2) Awtorità/awtoritajiet kompetenti – dettalji ta' kuntatt:

C. Prodott:

*1) Kategorija tal-prodott:

*2) Prodott/isem kummerċjali:

*3) Pajjiż tal-orijini:

4) Deskrizzjoni tal-prodott (id-daqs u l-forma tal-pakkett, eċċ.) - jekk jogħġbok ehmeż kopja jew scan tas-siġill jew tat-tikketta:

5) Identifikazzjoni tal-lott (eż. in-numru tal-lott, in-numru tal-konsenja, id-data tal-konsenja, eċċ.):

6) Tagħrif ieħor:

D. Traċċabilità:

Agħti deskrizzjoni dettaljata tal-katina tal-provvista kollha:

1) Il-produttur - dettalji ta' kuntatt - l-awtorità kompetenti jew, fejn rilevanti, l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll:

2) Il-proċessur/il-bejjieġ fil-pajjiż tal-orijini - dettalji ta' kuntatt - l-awtorità kompetenti jew, fejn rilevanti, l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll:

3) L-importatur fil-pajjiż notifikanti - dettalji ta' kuntatt - l-awtorità kompetenti jew, fejn rilevanti, l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll:

4) Il-bejjieġ bl-ingrossa - dettalji ta' kuntatt - l-awtorità kompetenti jew, fejn rilevanti, l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll:

5) Il-bejjieġ bl-imnut fil-pajjiż notifikanti, fejn ġiet individwata n-nonkonformità - dettalji ta' kuntatt - l-awtorità kompetenti jew, fejn rilevanti, l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll:

Awtorità/awtoritajiet:

Atturi oħra:

E. Nonkonformità, suspett ta' nonkonformità, problema oħra li tqajmet:

*1) Natura tan-nonkonformità/tas-suspett ta' nonkonformità/ta' problema oħra li tqajmet.
X'nonkonformità/suspett ta' nonkonformità/problema oħra ġew identifikati?:

*Minn liema lat tirrappreżenta/jirrappreżenta nonkonformità/suspett ta' nonkonformità/problema oħra skont ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾?:

2) Kuntest tal-individwazzjoni tan-nonkonformità/tas-suspett tan-nonkonformità/tal-problema l-oħra li tqajmet - jekk jogħġbok ehmeż kopja tal-fattura jew dokumenti ta' sostenn oħrajn:

Data tan-nonkonformità/tas-suspett ta' nonkonformità/ta' problema oħra li tqajmet (JJ/XX/SSSS):

Post tal-individwazzjoni tan-nonkonformità/tas-suspett ta' nonkonformità/ta' problema oħra li tqajmet:

3) Analiżi tal-kampjuni/tat-testijiet (jekk jeżistu) - jekk jogħġbok ehmeż kopja tar-rapport tal-analiżi:

Data tal-kampjunar/tal-ittestjar (JJ/XX/SSSS):

Post tal-kampjunar/tal-ittestjar:

Data tal-analiżi - rapport (JJ/XX/SSSS):

Detalji (isem il-laboratorju, il-metodi li ntużaw, ir-riżultati):

Ismijiet tas-sustanzi li nstabu:

Livell tar-residwi individwati:

Il-livell jaqbeż il-limitu permess fl-ikel (jew fl-għalf) b'mod ġenerali?:

Inqabeż il-livell permess fit-tikkettar tal-kontenut ta' OĠM?:

F. Influwenza tas-suq:

1) Il-prodott ġie rtirat mis-suq, ġie mblukkat jew kummerċjalizzat?:

2) Min huma l-atturi li diġà ġew informati?:

3) Hemm Stati Membri oħra affettwati? Jekk iva, liema huma?:

G. Miżuri meħuda:

1) Ittiehdu xi miżuri volontarji (dwar il-prodott/l-operatur/is-suq)?:

2) Ittieħdu xi miżuri obbligatorji?:

3) X'inhu l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri (nazzjonali, reġjonali, esportazzjonijiet, eċċ.)?:

4) Data tad-dħul fis-seħħ: (JJ/XX/SSSS):

5) Tul ta' żmien (xhur):

6) Ġustifikazzjoni/bażi ġuridika tal-miżuri:

7) Liema awtorità kompetenti jew, fejn rilevanti, awtorità tal-kontroll jew korp tal-kontroll adottaw il-miżuri?:

H. Aktar tagħrif/Evalwazzjoni:**I. Annessi:**

Kopji jew scans tad-dokumenti b'rabta mal-prodott (is-siġill, it-tikketta, eċċ.). Kopja tal-fattura, tad-dokumenti tal-kont, jew tad-dokument tat-trasport jew tal-ordni tal-konsenja. Rapport tal-analiżi u/jew kull dokument rilevanti ieħor:

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

2. Mudell ta' tweġiba standard għal notifika standard dwar nonkonformità suspettata jew stabbilita

*L-ewwel lingwa:

It-tieni lingwa:

Verżjoni tat-tweġiba:

A. Stat Membru notifikat:

1) Pajjiż:

2) Awtorità kompetenti – dettalji ta' kuntatt:

*3) Data (JJ/XX/SSSS):

*4) Referenza:

B. Notifika:

1) Pajjiż:

2) Awtorità kompetenti – dettalji ta' kuntatt:

*3) Data tan-notifika (JJ/XX/SSSS):

*4) Referenza tan-notifika (bħal fil-punt A.4 tan-notifika):

*5) Prodott:

6) Nonkonformità/suspett ta' nonkonformità/problema oħra li tqajmet:

C. Investigazzjoni

1) Liema awtorità/awtoritajiet kompetenti jew fejn rilevanti, l-awtorità/awtoritajiet tal-kontroll u/jew korp(i) tal-kontroll huma/kienu responsabbli mill-investigazzjoni?:

2) Iddeskrivi l-kooperazzjoni bejn l-operaturi diversi u l-awtorità/awtoritajiet kompetenti jew fejn rilevanti, l-awtorità/awtoritajiet tal-kontroll u/jew il-korp(i) tal-kontroll involuti, fil-pajjiżi diversi involuti (jekk kien hemm)?:

3) X'metodi/proċeduri ta' investigazzjoni ntużaw?:

Pereżempju, l-operaturi kkonċernati ġew sottomessi għal xi kontroll speċifiku?:

Ittieħdu u ġew analizzati xi kampjuni?:

4) X'kien l-eżitu tal-investigazzjoni?:

Jekk l-investigazzjonijiet/l-analiżijiet kellhom xi riżultati, dawn x'kienu?:

Instabet l-oriġini tan-nonkonformità/tas-suspett ta' nonkonformità/ta' problema oħra li tqajmet?:

X'inhil-valutazzjoni tiegħek dwar is-serjetà tan-nonkonformità/tas-suspett ta' nonkonformità/ta' problema oħra li tqajmet?:

5) L-oriġini tal-kontaminazzjoni/tan-nonkonformità/tas-suspett tan-nonkonformità/ta' problema oħra li tqajmet, u min hu responsabbli, ġew identifikati u stabbiliti?:

L-operaturi li ġew identifikati qatt kienu involuti f'każijiet ta' nonkonformità/ta' suspett ta' nonkonformità/ta' xi problema oħra fl-aħħar tliet snin?:

D. Miżuri u penali:

*1) X'miżuri ta' prevenzjoni u ta' korrezzjoni ttieħdu (eż. rigward id-distribuzzjoni/iċ-ċirkolazzjoni tal-prodott fis-suq tal-Unjoni u fi swieq ta' pajjiżi terzi)?:

2) X'azzjonijiet ittieħdu rigward l-operaturi u/jew il-prodotti kkonċernati f'każ ta' nonkonformità/suspett ta' nonkonformità/problema oħra? ⁽²⁾:

*Tip ta' azzjoni (formola miktuba, twissija, eċċ.):

Iċ-ċertifikazzjoni tal-produttur/proċessur ġiet limitata, sospiża jew irtirata?:

Data tad-dħul fis-seħħ tal-azzjonijiet (jekk saru) (JJ/XX/SSSS):

Tul ta' żmien tal-azzjonijiet (f'xhur) (jekk saru):

L-awtorità kompetenti jew, fejn rilevanti, l-awtorità tal-kontroll u/jew il-korp tal-kontroll li adottaw u wettqu l-azzjonijiet (jekk saru):

3) Hemm aktar spezzjonijiet tal-operaturi kkonċernati ppjanati?:

4) X'miżuri għandhom ippjanati l-awtorità kompetenti jew, fejn rilevanti, l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll biex jipprevjenu li jerġgħu jiġru każi simili?:

E. Tagħrif ieħor:

F. Annessi:

3. Mudell għal notifika ta' twissija

1. L-orijini u l-istatus tat-twissija

Pajjiż li ta t-twissija:

Awtorità kompetenti:

2. Pajjiż jew pajjiżi li rċevew it-twissija

Pajjiż	Awtorità kompetenti	Koordinatur	Kamp ta' applikazzjoni
--------	---------------------	-------------	------------------------

3. Nonkonformità, frodi, problema oħra u suspett ta' tagħhom (minn hawn 'il quddiem "nonkonformità")

Titolu:

Deskrizzjoni:

X'inhi l-valutazzjoni tiegħek dwar kemm hi serja n-nonkonformità?

Min huma l-atturi li diġà ġew informati?

Kuntest tal-individwazzjoni

Data:

Post:

Persuna/korp li individwaw in-nonkonformità:

Leġislazzjoni tal-Unjoni kkonċernata (referenza/referenzi):

4. Traċċabilità tal-prodott

Deskrizzjoni

Isem:

Marka/isem kummerċjali:

Aspetti oħra:

Kunsinna

Numru tal-konsenja/tal-lott:

Pajjiż ta' oriġini:

Volum totali nett/gross:

Tagħrif ieħor:

⁽²⁾ Miżura skont l-Artikoli 29(1) u (2), 41(1) sa (4) u 42 tar-Regolament (UE) 2018/848.

Katina tal-provvista – deskrizzjoni tal-operaturi (isem – tip - dettalji ta' kuntatt - korp/awtorità tal-kontroll (bid-dettalji ta' kuntatt))

5. Miżuri meħudin

0. Għadha ma tteħditx azzjoni (aġhti r-raġuni għal dan)
1. Projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq tal-prodott (bażi – data – kwantitajiet)
2. Il-prodott ġie ddeklassifikat u ddaħħal fil-klassifika konvenzjonali (bażi - data - kwantitajiet - minn/sa)
3. Suspensjoni taċ-ċertifikat tal-operatur (minn/sa - kamp ta' applikazzjoni)
4. L-operatur ittehdidlu ċ-ċertifikat (minn)
5. Miżuri oħra (aġhti deskrizzjoni)

6. Tagħrif ieħor

7. Fajls

4. Mudell ta'notifika internazzjonali standard dwar nonkonformità suspettata jew stabbilita

Pajjiż notifikanti:

Pajjiż:

Dettalji tal-Attur Notifikat:

Tip tal-Attur Notifikat:

Kodiċi tal-attur:

Verżjoni tal-attur:

Isem:

Triq:

Kodiċi postali:

Lokalità:

Telefon:

Posta:

Faks:

Link għas-sit web:

URL tas-sit:

Kummenti:

A. Prodott:

*1) Pajjiż tal-orijini:

*2) Kategorija tal-prodott:

*3) Prodott/isem kummerċjali:

4) Deskrizzjoni tal-prodott (id-daqs u l-forma tal-pakkett, eċċ.) - jekk jogħġbok ehmeż kopja jew scan tas-siġill jew tat-tikketta:

5) Identifikazzjoni tal-lott (eż. in-numru tal-lott, in-numru tal-konsenja, id-data tal-konsenja, eċċ.):

6) Tagħrif ieħor:

B. Traċċabilità:

Aġhti deskrizzjoni dettaljata tal-katina tal-provvista kollha:

1) Il-produttur - dettalji ta' kuntatt - awtorità tal-kontroll jew korp tal-kontroll:

2) Il-proċessur/il-bejjieġh fil-pajjiż tal-orijini/l-esportatur - dettalji ta' kuntatt - l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll:

3) L-importatur fil-pajjiż notifikanti - dettalji ta' kuntatt - l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll:

4) Bejjieġh bl-ingrossa - dettalji ta' kuntatt - l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll:

5) Il-bejjiegħ bl-innut fil-pajjiż notifikanti, fejn ġiet individwata n-nonkonformità - dettalji ta' kuntatt - l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll:

Awtorità/awtoritajiet:

Atturi oħra:

C. Nonkonformità, suspett ta' nonkonformità, problema oħra li tqajmet:

*1) Natura tan-nonkonformità/tas-suspett ta' nonkonformità/ta' problema oħra li tqajmet.
X'nonkonformità/suspett ta' nonkonformità/problema oħra ġew identifikati?:

*Minn liema lat tirrappreżenta/jirrappreżenta nonkonformità/suspett ta' nonkonformità/problema oħra skont ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (°)?:

2) Kuntest tal-individwazzjoni tan-nonkonformità/tas-suspett tan-nonkonformità/tal-problema l-oħra li tqajmet - jekk jogħġbok ehmeż kopja tal-fattura jew dokumenti ta' sostenn oħrajn:

Data tan-nonkonformità/tas-suspett ta' nonkonformità/ta' problema oħra li tqajmet (JJ/XX/SSSS):

Post tal-individwazzjoni tan-nonkonformità/tas-suspett ta' nonkonformità/ta' problema oħra li tqajmet:

3) Analiżi tal-kampjuni/tat-testijiet (jekk jeżistu) - jekk jogħġbok ehmeż kopja tar-rapport tal-analiżi:

Data tal-kampjunar/tal-ittestjar (JJ/XX/SSSS):

Post tal-kampjunar/tal-ittestjar:

Data tal-analiżi - rapport (JJ/XX/SSSS):

Dettalji (isem il-laboratorju, il-metodi li ntużaw, ir-riżultati):

Ismijiet tas-sustanzi li nstabu:

Livell tar-residwi individwati:

Il-livell jaqbeż il-limitu permess fl-ikel (jew fl-għalf) b'mod ġenerali?:

Inqabeż il-livell permess fit-tikkettar tal-kontenut ta' OĠM?:

D. Influenza tas-suq:

1) Il-prodott ġie rtirat mis-suq, ġie mblukkat?:

2) Min huma l-atturi li diġà ġew informati?:

3) Hemm Stati Membri oħra affettwati? Jekk iva, liema huma?:

E. Miżuri meħuda:

1) Ittiehdu xi miżuri volontarji (dwar il-prodott/l-operatur/is-suq)?:

2) Ittieħdu xi miżuri obbligatorji?:

3) X'inhu l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri (nazzjonali, reġjonali, esportazzjonijiet, eċċ.)?:

4) Data tad-dħul fis-seħħ: (JJ/XX/SSSS):

5) Tul ta' żmien (xhur):

(°) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

6) Ġustifikazzjoni/bażi ġuridika tal-miżuri:

7) Liema awtorità tal-kontroll jew korp tal-kontroll adottaw il-miżuri?:

F. Aktar taġġir/evalwazzjoni:

G. Annessi:

Kopji jew scans tad-dokumenti b'rabta mal-prodott (is-siġill, it-tikketta, eċċ.). Kopja tal-fattura, tad-dokumenti tal-kont, jew tad-dokument tat-trasport jew tal-ordni tal-konsenja. Rapport tal-analiżi u/jew kull dokument rilevanti ieħor:

(*) *Taqsimiet obbligatorji.*
